SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

17 ta' Mejju 2017*

"Appell — FAEG u FAEŻR — Deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea — Komunikazzjoni lid-destinatarju — Rettifika sussegwenti tal-għamla tal-istampar tal-anness — Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Bidu tad-dekorrenza — Tardività — Inammissibbiltà"

Fil-Kawża C-339/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2016,

**Ir-Repubblika Portugiża**, irrappreżentata minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u J. Saraiva de Almeida kif ukoll minn P. Estêvão, bħala aġenti,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il--Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn D. Triantafyllou u M. França, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, J.-C. Bonichot (Relatur) u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, ir-Repubblika Portugiża titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' April 2016, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (T-556/15, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat", EU:T:2016:239), li bih din ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1119, tat-22 ta' Ġunju 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 182, p. 39, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inkwistjoni"), sa fejn hija tiċħad ċerti spejjeż magħmulin minn dan l-Istat Membru.

### Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni inkwistjoni

2 Fit-22 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni inkwistjoni li biha, b'mod partikolari, applikat korrezzjoni finanzjarja ta' 137 miljun Euro għar-Repubblika Portugiża, fir-rigward tal-miżura "Għajnuna diretta oħra – Superfiċje" għas-snin finanzjarji 2010 sa 2012.

3 L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni inkwistjoni jipprovdi b'mod partikolari:

"Din id-Deċiżjoni hija indirizzata [...] lir-Repubblika Portugiża."

4 Fit-23 ta' Ġunju 2015, id-deċiżjoni inkwistjoni ġiet ikkomunikata lir-rappreżentanza permanenti tar-Repubblika Portugiża lill-Unjoni Ewropea, taħt in-numru C(2015) 4076.

5 Fl-10 ta' Lulju 2015, id-deċiżjoni inkwistjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6 Fl-20 ta' Lulju 2015, ir-rappreżentanza permanenti tar-Repubblika Portugiża lill-Unjoni rċeviet komunikazzjoni, akkumpanjata mir-riferiment li ġej bl-Ingliż:

"Minħabba żball tekniku, l-anness tad-[deċiżjoni inkwistjoni] tat-22 ta' Ġunju 2015 u kkomunikat fit-23 ta' Ġunju 2015, jista' jippreżenta problemi ta' għamla tal-istampar. Għal din ir-raġuni, aħna qed nibagħtulkom l-anness mingħajr il-problemi kollha ta' għamla tal-istampar. "[traduzzjoni mhux uffiċjali]

### Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

7 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Settembru 2015, ir-Repubblika Portugiża talbet l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni.

8 B'att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Fl-20 ta' Novembru 2015, ir-Repubblika Portugiża ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

9 Permezz tal-miżura tal-organizzazzjoni tal-proċedura tal-4 ta' Frar 2016, il-Qorti Ġenerali talbet lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-problemi ta' għamla tal-istampar evokati fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Lulju 2015. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni għamlet id-domandi fuq talba tal-Qorti Ġenerali billi pprovdiet l-informazzjoni mitluba.

10 Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikors tar-Repubblika Portugiża kien ġie manifestament ippreżentat wara l-iskadenza tat-terminu previst u li kien, għaldaqstant, tardiv.

11 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-terminu għall-preżentata tar-rikors kontra d-deċiżjoni inkwistjoni kien beda jiddekorri b'effett mill-komunikazzjoni tiegħu lir-Repubblika Portugiża, li intervjeniet fit-23 ta' Ġunju 2015. Konformement mar-regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, it-terminu għall-preżentata ta' rikors, it-terminu tad-distanza inkluża, kien skada, skont il-Qorti Ġenerali, fit-2 ta' Settembru 2015 f'nofsillejl.

12 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-Repubblika Portugiża bħala inammissibbli.

**It-talbiet tal-partijiet**

13 Bl-appell tagħha, ir-Repubblika Portugiża titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat sa fejn il-Qorti Ġenerali ġġudikat fondata l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni;

— tiġġudika li r-rikors dirett kontra d-deċiżjoni inkwistjoni ġie validatament ippreżentat fit-terminu ffissat fl-Artikolu 263 TFUE, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

14 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara l-appell ippreżentat mir-Repubblika Portugiża inammissibbli jew, sussidjarjament, infondat, u

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Fuq l-appell**

15 Insostenn tal-appell tagħha, ir-Repubblika Portugiża tqajjem tliet aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

***Fuq l-ammissibbiltà***

***L-argumenti tal-partijiet***

16 Il-Kummissjoni teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-appell, minħabba li l-aggravji ppreżentati mir-Repubblika Portugiża huma inammissibbli, peress li dan l-Istat Membru jillimita ruħu li jikkontesta d-digriet appellat fuq il-bażi tal-istess argumenti bħal dawk li kien invoka quddiem il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jindika l-elementi u l-motivi li għalihom il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji tal-liġi.

17 Barra minn hekk, l-argument tar-Repubblika Portugiża li jgħid li l-Qorti Ġenerali kien imissha, fl-assenza ta' raġunijiet kategoriċi li jgħidu l-kontra, tipprivileġġa interpretazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE li ma twassalx għad-dekadenza tar-rikors tagħha, hija inammissibbli wkoll, minħabba li ssemmi l-evalwazzjoni ta' kwistjoni ta' fatt.

18 Ir-Repubblika Portugiża tikkontesta l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

19 Sa fejn il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà ta' dan l-appell minħabba li r-Repubblika Portugiża titlob sempliċi eżaminazzjoni mill-ġdid tal-argumenti diġà invokati quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar li mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 168(1)(d) u tal-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod partikolari li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba. Appell li jillimita ruħu għal repetizzjoni jew riproduzzjoni testwali tal-motivi u l-argumenti li kienu ġew ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk li kienu bbażati fuq fatti espressament miċħuda minn dik il-Qorti, ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet (sentenza tad-19 ta' Jannar 2017, Il-Kummissjoni vs Total u Elf Aquitaine, C-351/15 P, EU:C:2017:27, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

20 Madankollu, ladarba appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid fl-appell. Fil-fatt, jekk dan iwassal sabiex appellant ma jkunx jista' jibbaża l-appell tiegħu fuq motivi u argumenti li jkunu diġà ntużaw quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura tal-appell tkun imċaħħda minn parti mis-sens tagħha (sentenza tad-19 ta' Jannar 2017, Il-Kummissjoni vs Total u Elf Aquitaine, C-351/15 P, EU:C:2017:27, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

21 F'dan il-każ, l-appell tar-Repubblika Portugiża ma huwiex intiż li jikseb sempliċi eżaminazzjoni mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, iżda intiż, preċiżament, li jqiegħed fid-dubju l-interpretazzjoni tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE magħmula mill-Qorti Ġenerali u r-raġunament legali li wassal lil din tal-aħħar li tikkunsidra li r-rikors ta' dan l-Istat Membru kien ġie manifestament ippreżentat wara l-iskadenza tat-terminu preskritt u li kien, għaldaqstant, tardiv.

22 Għal dan l-effett, ir-Repubblika Portugiża identifikat bi preċiżjoni suffiċjenti l-elementi kkritikati tad-digriet appellat kif ukoll l-argumenti invokati insostenn tal-konklużjonijiet tagħha għal annullament.

23 Barra minn hekk, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-argument li jgħid li l-Qorti Ġenerali kien imissha, fl-assenza ta' raġunijiet kategoriċi li jgħidu l-kontra, tipprivileġġa interpretazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE li ma twassalx għad-dekadenza tar-rikors tagħha, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ma jikkonċernax "l-evalwazzjoni ta' kwistjoni ta' fatt", iżda jsemmi l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

24 Għaldaqstant, l-appell tar-Repubblika Portugiża huwa ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

*Fuq it-tieni u t-tielet aggravji*

*– L-argumenti tal-partijiet*

25 Ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji differenti fl-interpretazzjoni tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, b'mod partikolari fil-punt 31 tad-digriet appellat.

26 Minn naħa, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni fil-Ġurnal Uffiċjali hija determinanti fir-rigward tat-terminu għall-preżentata ta' rikors. Fil-fatt, il-kliem "skont il-każ" [traduzzjoni mhux uffiċjali] jindikaw li l-punt tat-tluq tat-terminu tal-preżentata tar-rikors għandu jiġi ddeterminat skont l-ordni tal-għamliet ta' pubblikazzjoni li jidher f'din id-dispożizzjoni. Minn dan jirriżulta li l-komunikazzjoni hija sussidjarja meta mqabbla

mal-pubblikazzjoni, dan ukoll fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-pubblikazzjoni tagħhom ma hijiex obbligatorja. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mis-sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-122/95, EU:C:1998:94), u tippermetti li jiġi osservat il-prinċipju ta' ċertezza legali u li tiġi evitata kull diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri.

27 Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-Qorti Ġenerali kien imissha tipprivileġġa interpretazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE li ma twassalx għad-dekadenza tar-rikors tagħha u hija tirreferi, għal dan l-effett, għas-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, PPG u SNF vs ECHA (C-625/11 P, EU:C:2013:594).

28 Insostenn ta' dan l-argument, ir-Repubblika Portugiża tinvoka wkoll is-sentenza tat-22 ta' Jannar 1997, Opel Austria vs Il-Kunsill (T-115/94, EU:T:1997:3, punt 124) fejn jirriżulta li l-prinċipju ta' ċertezza legali jeħtieġ li kull att ikun miġjub għall-konjizzjoni tal-persuna kkonċernata b'tali mod li din tista' tagħraf b'ċertezza l-mument li minnu l-att inkwistjoni jipproduċi l-effetti legali. Minn din l-istess sentenza jirriżulta li dan ir-rekwiżit ta' ċertezza legali huwa applikabbli b'mod partikolarment rigoruż fil-każ ta' leġiżlazzjoni li tista' tinvolvi piżijiet finanzjarji, sabiex jiġi permess lill-persuni kkonċernati jkunu jafu bi preċiżjoni l-estent tal-obbligi li hija timponi fuqhom.

29 Barra minn hekk, ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret, fil-punt 37 tad-digriet appellat, il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-prassi kostanti tal-Kummissjoni li tikkonsisti li tippubblika, fil-Ġurnal Uffiċjali, id-deċiżjonijiet relatati mal-ispejjeż magħmula mill-Istati Membri abbażi tal-FAEG u tal-FAEŻR.

30 F'dan ir-rigward jirriżulta mis-sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-122/95, EU:C:1998:94), li r-Repubblika Portugiża setgħet leġittimament tistenna li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali u li d-data tal-pubblikazzjoni ddekorriet mit-terminu għall-preżentata tar-rikors.

31 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kisret l-effetti legali li rriżultaw mill-fatt li l-Kummissjoni tippubblika id-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni fis-Serje L tal-Ġurnal Uffiċjali.

32 Ir-Repubblika Portugiża targumenta wkoll, billi tibbaża fuq id-digriet tas-27 ta' Novembru 2007, Diy-Mar Insaat Sanayi ve Ticaret u Akar vs Il-Kummissjoni (C-163/07 P, EU:C:2007:717, punti 32 u 36), li l-Kummissjoni adottat "aġir tali li joħloq konfużjoni ammissibbli f'moħħ individwu *in bona fide*" u li l-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li ċerti sitwazzjonijiet jistgħu jiġu mqabblin "ma' każ mhux prevedibbli jew ta' forza maġġuri b'tali mod li l-ebda invalidità bbażata fuq l-iskadenza tat-termini ta' żmien ma tista' tiġi invokata fil-konfront tal-persuni kkonċernati".

33 Il-Kummissjoni titlob li t-tieni u t-tielet aggravju jiġu miċħuda.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

34 Skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, rikors għal annullament għandu jiġi ppreżentat fi żmien xahrejn, skont il-każ, mill-pubblikazzjoni tal-att, minn meta dan jiġi kkomunikat lir-rikorrent, jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-ġurnata minn meta dan ikun sar jaf bih.

35 Barra minn hekk, mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE jirriżulta li, bid-differenza ta' atti li għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, b'mod partikolari d-deċiżjonijiet li jindikaw destinatarju għandhom jiġu kkomunikati lid-destinatarji tagħhom u jieħdu effett minn din il-komunikazzjoni.

36 Minn qari flimkien ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE jirriżulta li, fir-rigward tar-rikorsi għal annullament, id-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biex jiġi ddeterminat il-punt tat-tluq tat-terminu għall-preżentata tar-rikors hija dik tal-pubblikazzjoni, meta din il-pubblikazzjoni, li

tikkondizzjona d-dħul fis-seħħ tal-att, hija prevista għal dan it-trattat u dik tal-komunikazzjoni fil-każijiet l-oħra msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, li fost in-numru tagħhom tidher dik tad-deċiżjonijiet li jindikaw id-destinatarju tagħhom.

37 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din l-interpretazzjoni tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE billi kkonstatat li, fir-rigward ta' att li jindika d-destinatarji tiegħu, huwa biss it-test ikkomunikat lil dawn tal-aħħar li huwa dak awtentiku, minkejja li dan l-att kien ġie ppubblikat ukoll fil-Ġurnal Uffiċjali (sentenza tat-13 ta' Lulju 1966, Consten u Grundig vs Il-Kummissjoni, 56/64 u 58/64, EU:C:1966:41, p. 491).

38 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Portugiża, il-komunikazzjoni ta' att ma għandhiex karattru sussidjarju, meta mqabbel mal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali, għad-determinazzjoni tal-punt tat-tluq tat-terminu tal-preżentata tar-rikors li japplika għad-destinatarju ta' dan l-att.

39 Is-sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-122/95, EU:C:1998:94) ma tippermettix li sseħħ konklużjoni differenti. Fil-fatt, fil-punt 35 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ġġudikat li mill-kliem tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jirriżulta li l-kriterju tal-ġurnata li fiha r-rikorrent isir jaf bl-att ikkontestat bħala d-data li minnha jibda jiddekorri t-terminu tal-preżentata tar-rikors huwa sussidjarju għal kriterji tal-pubblikazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-att.

40 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, għandu jiġi kkonstatat li huwa mingħajr ma twettaq żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali ġġudikat, b'mod partikolari fil-punt 36 tad-digriet appellat, li kellha tieħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tat-terminu tal-preżentata tar-rikors, il-komunikazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni lir-Repubblika Portugiża, u mhux il-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

41 L-argumenti l-oħrajn imqajma mir-Repubblika Portugiża fil-kuntest tat-tieni u t-tielet aggravji tagħha ma jistgħux jinvalidaw din il-konstatazzjoni.

42 B'hekk l-istess japplika għad-dikjarazzjoni tar-Repubblika Portugiża li tgħid li l-Qorti Ġenerali missha pprivileġġat interpretazzjoni tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE li ma twassalx għad-dekadenza tar-rikors tagħha, peress li, fi kwalunkwe każ, il-portata ta' din id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, hija ċara u li l-formulazzjoni tagħha ma tagħtix lok għal dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni tagħha.

43 Għal dan l-istess motiv, ir-Repubblika Portugiża ma tistax issostni li l-Kummissjoni, billi ppubblikat id-deċiżjonijiet relatati mal-ispejjeż magħmula mill-Istati Membri skont fondi agrikoli, adottat aġir tali li jipprovoka "konfużjoni ammissibbli f'moħħ individwu *in bona fide*" li l-interpretazzjoni li għamlet tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE tikkostitwixxi żball skużabbli (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-17 ta' Mejju 2002, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-406/01, EU:C:2002:304, punt 21), jew ukoll li l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li fiha kienet involuta l-Qorti Ġenerali tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali.

44 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li hemm lok li t-tieni u t-tielet aggravji jiġu miċħuda.

*Fuq l-ewwel aggravju*

*– L-argumenti tal-partijiet*

45 Ir-Repubblika Portugiża targumenta li, wara l-komunikazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni li saretilha fit-23 ta' Ġunju 2015, li hija tikkwalifika bħala "provviżorja", l-imsemmija deċiżjoni ġiet ikkomunikata lilha "definittivament" fl-20 ta' Lulju 2015 [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din id-data tal-aħħar tikkostitwixxi l-punt tat-tluq tat-terminu għall-preżentata tar-rikors, peress li, kuntrarjament għal dak li jirriżulta mill-punt 42 tad-digriet appellat, il-komunikazzjoni magħmula fit-23 ta' Ġunju 2015 ma ppermettitilhiex li tieħu konjizzjoni bis-sħiħ tad-deċiżjoni inkwistjoni, liema fatt il-Kummissjoni kkonfermat billi aċċettat li din il-komunikazzjoni ma kinitx la perfetta u lanqas kompleta. Għaldaqstant, ir-rikors tagħha ġiet ippreżentata fit-termini.

46 Il-Kummissjoni titlob li l-ewwel aggravju jiġi miċħud.

*– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

47 Fir-rigward tar-regolarità tal-komunikazzjoni tal-atti tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tippreċiża li deċiżjoni hija debitament ikkomunikata, peress li hija kkomunikata lid-destinatarju tagħha u li dan jitqiegħed f'pożizzjoni li jieħu konjizzjoni tagħha (ara d-digriet tat-2 ta' Ottubru 2014, Page Protective Services vs SEAE, C-501/13 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2259, punt 30).

48 F'dan ir-rigward, mill-punti 26 u 27 tad-digriet appellat jirriżulta li, fit-23 ta' Ġunju 2015, id-deċiżjoni inkwistjoni ġiet ikkomunikata lir-Repubblika Portugiża u li din kienet f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-kontenut tal-imsemmija deċiżjoni kif ukoll tal-motivi li fuqhom hija tibbaża. Barra minn hekk, fil-punt 42 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-komunikazzjoni sussegwenti tal-20 ta' Lulju 2015 kellha bħala l-uniku għan li tbiddel l-għamla tal-istampar tat-tabelli biċ-ċifri tal-anness tad-deċiżjoni inkwistjoni u li din ma kinitx tikkonċerna l-verżjoni bil-lingwa Portugiża, li, ma kinitx subita ebda modifika, la ta' kontenut u lanqas ta' preżentazzjoni.

49 Fir-rigward tal-argumentazzjoni tar-Repubblika Portugiża bbażata fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali, f'dan ir-rigward, żnaturat fatti u provi, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-elementi kollha li jidhru fid-deċiżjoni inkwistjoni u li jikkonċernaw ir-Repubblika Portugiża jirriżultaw ċarament mill-verżjoni ta' din id-deċiżjoni kkomunikata fit-23 ta' Ġunju 2015.

50 Minn dak kollu li ntqal qabel jirriżulta li d-deċiżjoni inkwistjoni ġiet debitament ikkomunikata lir-Repubblika Portugiża fit-23 ta' Ġunju 2015.

51 Fir-rigward tal-komunikazzjoni tal-20 ta' Lulju 2015, jirriżulta, fi kwalunkwe każ, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li deċiżjoni li tillimita ruħha, kif inhu manifestament il-każ f'dan il-każ, li tikkonferma deċiżjoni preċedenti ma għandhiex bħala effett li toħloq terminu għall-preżentata tar-rikors ġdid billi l-preżentazzjoni ta' rikors għal annullament kontra deċiżjoni purament ta' konfermazzjoni ta' deċiżjoni preċedenti mhux ikkontestata fit-termini hija inammissibbli (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-21 ta' Novembru 1990, Infortec vs Il-Kummissjoni, C-12/90, EU:C:1990:415, punt 10).

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, mingħajr ma wettqet żball ta' liġi l-Qorti Ġenerali ġġudikat, fil-punt 27 tad-digriet appellat, li l-komunikazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni magħmula fit-23 ta' Ġunju 2015 kienet ippermettiet lir-Repubblika Portugiża li tieħu konjizzjoni tal-kontenut ta' din id-deċiżjoni kif ukoll il-motivi li fuqhom din kienet tibbaża u, fil-punt 44 tad-digriet appellat, li t-terminu għall-preżentata tar-rikors kontra d-deċiżjoni inkwistjoni kienet bdiet tiddekorri b'effett mill-komunikazzjoni tagħha lir-Repubblika Portugiża, li interveniet fit-23 ta' Ġunju 2015, u mhux b'effett mill-komunikazzjoni tal-20 ta' Lulju 2015.

53 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

54 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

55 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

56 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

57 Peress li r-Repubblika Portugiża tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem